



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.4.2017
COM(2017) 157 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara
applikazzjoni mill-Finlandja - FEG/2016/008 FI/Nokia Network Systems**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014–2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-“Regolament tal-FEG”).
2. Fit-22 ta' Novembru 2016, il-Finlandja ppreżentat applikazzjoni FEG/2016/008 FI/Nokia Network Systems għal kontribut finanzjarju mill-FEG wara sensji² fin-Nokia Oy (Nokia Network Systems) u fi 3 fornituri u produtturi downstream fil-Finlandja.
3. Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	FEG/2016/008 FI/Nokia Network Systems
Stat Membru	Il-Finlandja
Reġjun(i) ikkonċernat(i) (il-livell NUTS ³ 2)	Helsinki-Uusimaa (Uusimaa) (FI1B), Länsi-Suomi (Pirkanmaa) (FI19) Pohjois- ja Itä-Suomi (Pohjois-Pohjanmaa) (FI1D)
Data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:	22 ta' Novembru 2016
Data ta' konferma tal-wasla tal-applikazzjoni:	22 ta' Novembru 2016
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	2 ta' Diċembru 2016
Data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	13 ta' Jannar 2017
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	7 ta' April 2017
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG
Intrapriża primarja	Nokia Oy (Nokia Network Systems)

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

L-għadd ta' intrapriżi kkonċernati	4
Is-settur(i) tal-attività ekonomika (Id-Diviżjoni NACE Reviżjoni 2) ⁴	Diviżjoni 26 - Il-manifattura ta' kompjuters, prodotti elettroniċi u prodotti ottiċi
Numru ta' sussidjarji, fornituri u produtturi downstream	3
Perjodu ta' referenza	02 ta' Ġunju 2016 – 02 ta' Ottubru 2016
L-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a)	945
L-għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b)	0
L-għadd totali ta' sensji	945
Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	945
Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	821
L-għadd ta' żgħażaġħ fil-mira barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs)	0
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	4 154 000
Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁵ (EUR)	249 000
Baġit totali (EUR)	4 403 000
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	2 641 800

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fit-22 ta' Novembru 2016, il-Finlandja ressqet applikazzjoni FEG/2016/008 FI/Nokia Network Systems fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji tal-intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG. Il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess jum u talbet informazzjoni addizzjonali mingħand il-Finlandja fit-2 ta' Diċembru 2016. Din l-informazzjoni addizzjonali nġhatat fi żmien sitt ġimgħat mid-data tat-talba. L-iskadenza ta' 12-il ġimgħa mill-wasla tal-applikazzjoni sħiħa li fiha l-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja tiskadi fis-7 ta' April 2017.

L-ELIĠIBBILTÀ TAL-APPLIKAZZJONI

L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni titratta 945 ħaddiem li nġhataw is-sensja fin-Nokia Oy u 3 fornituri. L-intrapriża ewlenija topera fis-settur ekonomiku kklassifikat fid-Diviżjoni 26 ta' NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' kompjuters, prodotti elettroniċi u ottiċi).

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

⁵ Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

6. Nokia Network Systems hija sussidjarja akkwiżita totalment tan-Nokia Oy fil-Finlandja. Nokia Network Systems hija kumpanija ta' netwerking ta' dejta u tagħmir tal-komunikazzjoni.

L-intrapriżi u l-għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza			
Nokia Oy	940	Lionbridge Oy	1
Eilakaisla Oy	1	ManpowerGroup Solutions Oy	3
L-għadd totali ta' intrapriżi: 4		L-għadd totali ta' sensji: 945	
L-għadd totali ta' ħaddiema indipendenti li l-attività tagħhom waqfet:			0
L-għadd totali ta' ħaddiema eliġibbli u ħaddiema indipendenti:			945

Kriterji ta' intervent

7. Il-Finlandja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jitlob li tal-anqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur fi Stat Membru, inklużi ħaddiema li jingħataw is-sensja minn fornituri u produtturi downstream.
8. Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur tal-applikazzjoni huwa mit-2 ta' Ġunju 2016 sat-2 ta' Ottubru 2016.
9. Is-sensji matul il-perjodu ta' referenza huma kif ġej:
- 940 ħaddiem li ngħataw is-sensja fin-Nokia Oy,
 - 5 ħaddiema li ngħataw is-sensja fit-3 fornituri u produtturi downstream tan-Nokia Oy.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

10. Is-sensji mogħtija matul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkulati kif ġej:
- 945 mid-data tal-avviż individwali tal-impjegatur biex ikeċċi jew iwaqqaf il-kuntratt ta' impjeg tal-ħaddiem.

Benefiċjarji eliġibbli

11. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 945.

Rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009

12. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni indirizzati fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, il-Finlandja targumenta li s-settur tal-ICT huwa wieħed minn dawk is-setturi industrijali l-aktar suxxettibbli għal bidliet fl-ekonomija dinjija, minħabba kompetizzjoni kbira, progress teknoloġiku u innovazzjonijiet mgħaġġla, amalgamazzjonijiet, akkwisti u esternalizzazzjoni.
13. Fis-settur tal-ICT, l-esternalizzazzjoni tal-manifattura tal-komponenti u fil-proċessi tal-manifattura ġenerali kienet it-tweġiba tal-manifatturi Ewropej għall-ħtieġa li dejjem qed tikber li jinkiseb vantaġġ kompetittiv fil-kompetizzjoni li qed tinbidel b'rata mgħaġġla, l-aktar mill-Asja tal-Lvant.

14. Kompetituri mill-Asja tal-Lvant s'issa użaw marġnijiet baxxi bħala sors ta' vantaġġ kompetittiv. Issa qed jinvestu mill-ġdid il-profitti tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp. Rivali mill-Asja tal-Lvant qed jidħlu fis-suq b'mod aggressiv u jimbottaw kumpaniji Ewropej f'pożizzjoni saħansitra aktar diffiċli.
15. Is-settur ntlaqat minn prezzijiet li qed jonqsu u minn domanda aktar baxxa minn operaturi tat-telekomunikazzjoni. Dan ma waqqafx lill-kumpaniji Ċiniżi milli jkomplu jidħlu fis-swieq fl-Ewropa⁶.
16. Iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u ta' soluzzjonijiet ta' softwer relatati huwa qasir ħafna. L-għarfien dwar il-prodott u/jew is-softwer u l-edukazzjoni meħtieġa fil-qasam malajr jiskadu.
17. Il-kompetizzjoni bejn l-impjegati mill-UE u minn barra l-UE hija waħda ħarxa. L-impjegati tas-settur Ewropew tal-ICT qed jixjieħu u għandhom livell ta' edukazzjoni inqas mill-kontropartijiet Amerikani u Asjatiċi tagħhom. Il-professjonisti Finlandiżi tal-ICT qed jiffaċċjaw kompetizzjoni dejjem aktar globali meta mqabbla mal-impjegati fi kwalunkwe settur ieħor.
18. Sal-lum, is-settur tal-"Manifattura tal-kompjuters u l-prodotti elettroniċi u ottiċi" għadu s-suġġett ta' 15-il applikazzjoni tal-FEG, li 12 minnhom kienu bbażati fuq il-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ u 3 fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. Tliet applikazzjonijiet mill-15 ġew sottomessi mill-Finlandja⁷.

Avvenimenti li wasslu għas-sensji u l-waqfien tal-attività

19. Is-settur Finlandiż tal-ICT jista' jiġi kkaratterizzat fl-aħħar sentejn mill-għadd kbir ta' reklutaġġi u sensji fl-istess ħin. Hemm pressjoni sinifikanti biex tinżamm il-kompetittività tal-prodotti.
20. In-negozju tan-netwerks tal-IT ra xi xejriet importanti fis-snin reċenti. Hemm ħtieġa akbar għall-effiċjenza u għal kamp ta' applikazzjoni usa' tas-servizzi.
21. Bħala medja, l-industrija tat-teknoloġija kellha madwar 326 000 impjegat fl-2008. Sal-2015 l-industrija impjegat 289 000 persuna⁸. Fi ħdan l-industrija, in-numru ta' impjegati fis-settur tal-ICT żdied minn 52 000 (2008) għal 60 000 (2015). Matul dan il-perjodu, ħafna impjegi ma baqgħux jeżistu u nħolqu ħafna oħrajn fl-ICT.
22. Tul dawn l-aħħar snin, Nokia Oy stabbilixxiet impriża konġunta ma' Siemens għat-teknoloġiji tan-netwerks, ftiehmet li tbiegħ xi wħud min-negozji tagħha lill-Microsoft u nġhaqdet mal-Alcatel, sabiex tikkompeti ma' rivali akbar fin-negozju tan-netwerk tal-komunikazzjoni. Fl-2016 Nokia Oy rrapportat dwar tnaqqis fil-persunal. Nokia Oy qed timmira għal €900 miljun fi tnaqqis annwali fl-ispejjeż operattivi sa tmiem l-2018. Fl-istess ħin, Nokia kienet qed tieħu azzjoni biex tittrasferixxi r-riżorsi tagħha lejn teknoloġiji tal-futur.

⁶ <http://www.telecomlead.com/telecom-equipment/revenue-analysis-shows-huawei-big-vs-ericsson-nokia-68634>

⁷ FEG/2007/003 DE/BenQ, FEG/2007/004 FI/Perlos, FEG/2009/002 DE/Nokia, FEG/2009/008 IE/Dell, FEG/2009/023 PT/Quimonda, FEG/2010/008 AT/AT&S, FEG/2010/011 NL/NXP Semiconductors, FEG/2011/013 DK/Flextronics, FEG/2011/014 RO/Nokia, FEG/2011/025 IT/Lombardia, FEG/2012/006 FI/Nokia Salo, FEG/2012/007 IT/VDC Technologies, FEG/2013/001 FI/Nokia, FEG/2014/014 DE/Aleo Solar, FEG/2016/002 SE/Ericson

⁸ http://teknologiateollisuus.fi/sites/default/files/file_attachments/personnel.pdf

23. Il-programm ta' trasformazzjoni mad-dinja kollha tan-Nokia Oy, inkluż it-tnaqqis fil-persunal, huwa meħtieġ sabiex tkun tista' tikkompeti ma' rivali fl-Asja tal-Lvant. It-tnaqqis relatat fil-persunal huwa stmat li għandu jitlesta sa tmiem l-2018.
24. Il-persuni li tilfu l-impjieg ma' Nokia Oy fl-2016 kellhom kwalifiki għoljin (40%) u medji (60%). Kienu jaħdmu fl-ippogrammar u fid-disinn.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

Uusimaa

25. F'Uusimaa, il-kundizzjonijiet ekonomiċi ġenerali fis-setturi ewlenin qegħdin jonqsu u l-industrija naqqsu l-persunal tagħhom matul l-aħħar tliet xhur⁹. Il-fatturat totali tal-bejgħ tal-kumpaniji fis-settur tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni kien naqas bi 2,5 fil-mija fl-ewwel trimestru tal-2016¹⁰.
26. Fl-2012-2016, is-sensji estensivi fiż-żona ta' Espoo, Helsinki u Vantaa kienu jikkonċernaw l-aktar l-industrija tal-elettronika u tas-softwer (6 000 impjegat ingħataw is-sensja fil-perjodu partikolari). Negożzi iżgħar u s-sottokuntratturi ukoll taw is-sensja lill-persunal.
27. Nokia Oy hija l-akbar kumpanija tal-ICT fil-Finlandja. F'Uusimaa fl-2014, kien hemm 730 kumpanija ġdida tas-settur tal-ICT u 759 kumpanija tal-istess settur ingħalqu. Fl-istess sena, l-għadd ta' intrapriżi tal-ICT f'Uusimaa kien ta' 7 114 (jiġifieri 51% tat-total nazzjonali).
28. L-impjegati mkeċċija min-Nokia Oy f'Uusimaa huma fil-biċċa l-kbira persuni bi kwalifiki għoljin u medji; nofshom għandhom età ta' aktar minn 50 sena. Huma jaħdmu fl-ippogrammar u fid-disinn. Il-ħiliet professjonali tagħhom huma f'ħafna każijiet skaduti.
29. Is-sitwazzjoni f'Uusimaa hija diffiċli għal inġiniera b'livell għoli tal-edukazzjoni u għal impjegati li għandhom aktar minn 50 sena.
30. Il-qgħad ta' persuni b'livell għoli tal-edukazzjoni huwa ġeneralment f'livell għoli¹¹; u mhumiex esklussivament impjegati bi kwalifiki fit-teknoloġija. Ħaddiema tal-uffiċċju, il-kontabilisti u l-iskrivani tal-pagi huma wkoll fl-istatistika tal-qgħad f'Uusimaa.

Pirkanmaa

31. Imkejla skont il-fatturat, l-industrija tal-manifattura hija l-akbar settur ekonomiku f'Pirkanmaa; bl-industrija tat-teknoloġija (48%), l-industrija tal-foresti (25%), u l-industrija tal-kimika, tal-lasktu u tal-plastik (18%) bħala l-oqsma ewlenin¹².
32. F'Settembru 2016, l-għadd ta' persuni qiegħda li kienu qed ifittxu impjieg u li kienu rreġistrati fl-Uffiċċju tal-Impjiegi u l-Iżvilupp Ekonomiku f'Pirkanmaa kien ta' 36

⁹ <https://ek.fi/en/current/2016/05/04/ek-business-tendency-survey-general-business-outlookwill-remain-rather-weak>

¹⁰ http://www.stat.fi/til/ntp/2016/01/ntp_2016_01_2016-06-03_tie_001_en.html

¹¹

http://www.akava.fi/tyoelama/akavalaiset_tyoelamassa/tyottomyystilastot/1._korkeasti_koulut_ettujen_tyottomyys

¹² <http://pirkanmaantalous.fi/innovaatiotilannekuva/situational-picture-of-innovation-2016-new-scale-new-competences>

186, li kien 1% iktar mis-sena ta' qabel¹³. Ir-rata tal-qgħad f'Pirkanmaa ilha ogħla mill-medja nazzjonali għal żmien twil.

33. Ir-raġuni ewlenija għar-rata persistentement għolja ta' qgħad fl-aħħar snin hija l-kriżi tal-attivitajiet xprunata mill-esportazzjoni u attivitajiet ibbażati fuq l-industrija tal-manifattura fir-reġjun, kif ukoll il-bidliet strutturali drastiċi, speċjalment fis-settur tal-ICT. Fl-2015, il-kumpaniji kbar tal-ICT f'Pirkanmaa keċċew aktar minn 1 000 impjegat.
34. Il-problemi strutturali li issa huma ffaċċjati f'Pirkanmaa huma riflessi fiż-żieda fil-qgħad fost dawk b'edukazzjoni għolja, li żdied aktar mid-doppju fl-2012-2016. Sa nofs l-2016 madwar 33% tal-persuni qiegħda bi gradi akkademiċi kienu qiegħda għal aktar minn sena, mingħajr ebda waqfien¹⁴.

Pohjois-Pohjanmaa

35. Ir-rata tal-qgħad għadha għolja fir-reġjun ta' Ostrobothnia tat-Tramuntana. Il-proporzjon ta' persuni qiegħda li qed ifittxu impjieg baqgħet ogħla mill-medja tal-pajjiż. Fi tmiem April 2016, ir-rata tal-qgħad fil-pajjiż kollu kienet 13.0%, f'Ostrobothnia tat-Tramuntana 14.3% u f'Oulu 16.1%¹⁵.
36. Il-biċċa l-kbira tas-settur tal-ICT f'Ostrobothnia tat-Tramuntana jinsab fir-reġjun ta' Oulu. L-ambjent kompetittiv tan-negozju u l-isforzi minn kumpaniji biex jissimplifikaw l-operazzjonijiet tagħhom matul is-snin li għaddew wasslu għal qgħad kbir.
37. L-għadd ta' impjegati naqas b'mod konsiderevoli mill-figuri fit-tmiem tal-aħħar deċennju f'dan ir-reġjun. Minħabba t-tnaqqis u l-iffrankar, is-settur pubbliku ma jstax jimpjega l-ammont ta' nies li kien jimpjega qabel. Ir-reċessjoni ekonomika twila u t-tibdil strutturali fi ħdan il-qasam wasslu għal perjodi itwal ta' qgħad.
38. Is-sensji tan-Nokia Oy komplew aggravaw il-problema tal-qgħad fis-settur tal-ICT f'Oulu, fejn is-sitwazzjoni kienet ħażina saħansitra qabel dan. Oulu huwa post remot; ma hemm l-ebda belt oħra fil-qrib, b'impjiegi alternattivi.
39. Is-sitwazzjoni hija partikolarment diffiċli fir-reġjun għall-maniġers tal-proġetti tal-ICT u l-persunal tal-assemblaġġ. Huma ilhom qiegħda għal żmien twil, u għalhekk il-kompetenza tagħhom ma baqgħetx rilevanti.
40. Fir-reġjun ta' Oulu hemm opportunitajiet ta' impjieg f'setturi ġodda ta' tkabbir. Ħafna mill-impjegati mkeċċija għandhom kompetenza solida fid-disinn u fl-iżvilupp tal-prodott, li tista' tintuża fis-settur tal-ICT jew f'setturi li qegħdin jiżviluppaw applikazzjonijiet tal-ICT.

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

41. L-għadd stmat ta' ħaddiema li ħarġu bis-sensja li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 821. It-tqassim ta' dawn il-ħaddiema skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

¹³ <http://www.temtyollisyyskatsaus.fi/graph/tkat/tkat.aspx?lang=en&ely=04#>

¹⁴ <http://www.temtyollisyyskatsaus.fi/graph/tkat/tkat.aspx?lang=en&ely=04#>

¹⁵ http://www.elykeskus.fi/documents/10191/14617851/Tkat_en_huhtikuu_2016.pdf/7338d392-14e3-4fe5-846f-5d0bfd136734

Kategorija		Għadd ta' beneficijarji fil-mira	
Sess:	Irġiel:	608	(74,0 %)
	Nisa:	213	(26,0 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	800	(97,4 %)
	ċittadini mhux tal-UE:	21	(2,6 %)
Grupp ta' età:	15-24 sena:	6	(0,7 %)
	25-29 sena:	12	(1,5 %)
	30-54 sena:	632	(77,0 %)
	55-64 sena:	167	(20,3 %)
	iktar minn 64 sena:	4	(0,5 %)

(*): Biex jiġu evitati wisq deċimali, iċ-ċifri huma mqarriba għall-eqreb numru sħiħ.

L-eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

42. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-miżuri ta' kowċing u miżuri oħrajn ta' tħejjija

L-għan tat-taħriġ għal min qed ifittex impjieg huwa li jipprovdi lill-parteċipanti b'aktar informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol, jgħinjom fl-ippjanar tal-possibbiltajiet tagħhom stess, u jgħinjom itejbu u jaġġornaw il-ħiliet tagħhom fit-tiftix ta' impjieg. Kowċing għal impjieg: din hija miżura li tappoġġja u tiggwida lill-persuna li tkun qed tfittex xogħol fit-tiftix tax-xogħol u fit-taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Tipprovdi gwida għall-persuna li tkun qed tfittex xogħol biex issib impjieg.

- Kowċing għall-karriera: din il-miżura hija mmirata lejn dawk li jfittxu xogħol li jeħtieġu appoġġ funzjonali, intensiv u fit-tul fl-ippjanar tal-karriera tagħhom. Se tkun ibbażata primarjament fuq attivitajiet ibbażati fi gruppi.
- Valutazzjonijiet tal-esperti: din il-miżura tevalwa s-sitwazzjoni u l-ħtieġa għal servizzi tal-persuna li tkun qed tfittex xogħol. Se tiġi organizzata "logħba tal-profili" wkoll biex tgħin lil dawk li qed ifittxu xogħol ħalli jidentifikaw l-oqsma ta' kompetenza tagħhom.
- Impjiegi u servizzi tan-negozju

Il-persuni li qed ifittxu xogħol se jiġu pprovduti b'servizzi esperti, ta' informazzjoni, u pariri dwar l-ippjanar tal-impjieg mill-ġdid tagħhom. Is-servizz tan-netwerk tal-EURES se jintuża wkoll, biex jgħaddi avviżi dwar impjiegi barranin lil min qed ifittex xogħol. It-taħriġ se jkun ipprovdut permezz ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ li jappoġġja l-intraprenditorija. Il-korsijiet offruti huma kklassifikati l-aktar bħala taħriġ speċjalizzat, inklużi diplomi.

- Għotjiet għal negozji ġodda għandhom jippromwovu l-ħolqien ta' attività ta' negozju u l-impjieg indipendenti ta' persuni individwali. L-għan tal-għotjiet

għal negozji ġodda huwa li jiżgura dħul għal intraprendituri aspiranti matul iż-żmien stmat meħtieġ biex jiġi varat u jiġi stabbilit negozju full-time.

- Is-sussidji tal-pagi se jkunu disponibbli għall-ħaddiema li ħarġu bis-sensja biex ikunu ta' appoġġ għal impjieg f'xogħol ġdid jew għal apprendistat, billi jitnaqqsu l-ispejjeż tal-pagi ta' impjegatur ġdid għal perjodu ta' żmien limitat. Is-sussidju tal-pagi huwa bejn 30 u 50% tal-ispejjeż tal-pagi tal-ħaddiema għal perjodu limitat (6 xhur -24 xahar).
- Allowances għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni billejl u l-ġarr
 Persuna li tkun qed tfittex xogħol tista' tingħata allowance għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni waqt it-tiftix tal-impjieg, jew spejjeż ta' vjaġġar u akkomodazzjoni għall-parteciġazzjoni f'miżuri ta' taħriġ u kumpens għal spejjeż ta' ġarr.

43. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fil-qafas tal-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
44. Il-Finlandja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex sejra tieħu post dawn l-azzjonijiet.

Baġit stmat

45. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 4 403 000, li jinkludu nefqa ta' EUR 4 154 000 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 249 000 għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.
46. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 2 641 800 (60% tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' parteċipanti	Spiża stmata għal kull parteċipant (EUR)*	Spejjeż totali stmati (f'EUR)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
Miżuri ta' kkwċjar u miżuri preparatorji oħrajn (<i>Valmennukset ja muut valmentavat toimenpiteet</i>)	200	1 200	240 000
Servizzi ta' impjieg u tan-negozju (<i>Työllisyys- ja yrityspalvelut</i>)	733	621	455 000
Taħriġ (<i>Koulutus</i>)	420	6 500	2 730 000
Għotja għal negozju ġdid (<i>Starttiraha</i>)	15	9 000	135 000

Valutazzjonijiet tal-esperti (<i>Asiantuntija-arvioinnit</i>)	30	1 333	40 000
Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	3 600 000 (86,66 %)
Allowances u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Sussidju għall-paga (<i>Palkkatuki</i>)	60	9 000	540 000
Allowances għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni billejl u tal-ġarr (<i>Liikkuvuusavustus</i>)	100	140	14 000
Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:		–	554 000 (13,34 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. Attivitàjiet ta' tħejjija		–	9 000
2. Ġestjoni		–	161 000
3. Informazzjoni u pubbliċità		–	59 000
4. Kontroll u rapportar		–	20 000
Subtotal (c): Perċentwal tal-ispejjeż totali:		–	249 000 (5,66 %)
Spejjeż totali (a + b + ċ):		–	4 403 000
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)		–	2 641 800

(*) Biex jiġu evitati d-deċimali, l-ispejjeż stmati għal kull ħaddiem tqarribu għall-eqreb numru sħiħ. Madankollu t-tqarrib għall-eqreb numru sħiħ ma għandu l-ebda impatt fuq l-ispiża totali ta' kull miżura.

47. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar l-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Finlandja kkonfermat li dawn l-azzjonijiet jiddependu fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fl-attivitàjiet ta' tiftix ta' impjeg jew ta' taħriġ.
48. Il-Finlandja kkonfermat li l-ispejjeż tal-investimenti għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, il-ftuħ ta' negozji u l-akkwiżizzjonijiet minn impjegati mhux se jaqbżu l-EUR 15 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

49. Il-Finlandja bdiet tippovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fit-2 ta' Ġunju 2016. Għalhekk, in-nefqa fuq l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-2 ta' Ġunju 2016 sat-22 ta' Novembru 2018.
50. Il-Finlandja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fit-2 ta' Ġunju 2016. Għalhekk, in-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità kif ukoll dawk ta' kontroll u rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-2 ta' Ġunju 2016 sat-22 ta' Mejju 2019.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

51. Is-sors ta' prefinanzjament nazzjonali jew kofinanzjament huwa l-punt tas-servizzi tal-impjeg pubbliku fil-fergħa amministrattiva tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u x-Xogħol (MEE). Xi servizzi se jkunu ffinanzjati wkoll mill-ispejjeż operattivi taċ-Ċentri għall-Iżvilupp Ekonomiku, it-Trasport u l-Ambjent (Ċentri ELY) u l-Uffiċċji għall-Iżvilupp Ekonomiku u tal-Impjegi (Uffiċċji TE). Karigi ta' appoġġ tekniku se jiġu ffinanzjati min-nefqa operattiva taċ-Ċentri MEE u Ely.
52. Il-Finlandja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew l-isħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

53. Il-Finlandja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati. Il-MEE sejħet grupp li jindirizza s-sensji fin-Nokia u li jipparteċipa fit-tħejjija tal-applikazzjoni tal-FEG.
54. Dan il-grupp ta' ħidma jinkludi rappreżentanti miċ-Ċentri ELY u l-uffiċċji TE ta' Uusimaa, Pirkanmaa u Pohjois-Pohjanmaa. Rappreżentanti oħra huma Nokia Oy, Technology Industries of Finland, Trade Union Pro u l-Unjoni tal-Inġiniera Professionali fil-Finlandja.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

55. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Finlandja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mill-MEE, li taġixxi bħala awtorità ta' ġestjoni u ċertifikazzjoni għall-FEG u bħala korp intermedjarju għat-tqassim tal-fondi tal-FEG. Il-funzjonijiet ta' ġestjoni għall-FEG ġew assenjati lid-Dipartiment tal-Impjegi u l-Intraprenditorija.
56. Il-funzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni huma fi ħdan l-Unità tar-Riżorsi Umani u tal-Amministrazzjoni. Il-ħlasijiet lill-benefiċjarji jsiru permezz taċ-Ċentri reġjonali ELY u l-Uffiċċji TE.
57. Fir-rigward tal-verifika, il-korp responsabbli huwa l-Unità tal-Verifika Interna indipendenti, li jopera taħt is-Segretarju Permanenti tal-MEE.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

58. Il-Finlandja pprovdiet l-assigurazzjonijiet meħtieġa kollha rigward dawn li ġejjin:

- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u ta' nondiskriminazzjoni sejrjn jiġu rispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom,
- ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,
- l-intrapriżi li taw is-sensji, li komplew bl-attivitajiet tagħhom wara s-sensji, ikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom li jikkontrollaw is-sensji u pprovdew għall-ħaddiema tagħhom kif xieraq,
- l-azzjonijiet proposti mhumiex sejrjn jirċievu għajnuna finanzjarja minn fondi oħrajn jew minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni, u kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
- l-azzjonijiet proposti se jikkumplimentaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

59. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹⁶.
60. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset in-numru ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta' EUR 2 641 800, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
61. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁷.

Atti relatati

62. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni sejra tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 2 641 800 għall-intestatura baġitarja rilevanti.
63. Fl-istess waqt li se tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz

¹⁶ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

¹⁷ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

ta' att ta' implimentazzjoni, li se jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Finlandja - FEG/2016/008 FI/Nokia Network Systems

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹⁸, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁹, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovdni appoġġ lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u fil-każ ta' persuni li jaħdmu għal rashom meta l-attività tagħhom tkun intemmet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi ekonomika u finanzjarja globali ġdida, u biex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013²⁰.
- (3) Fit-22 ta' Novembru 2016, il-Finlandja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt il-klassifikazzjoni Statistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE") Reviżjoni 2 Diviżjoni 26 (Manifattura ta' kompjuters, elettroniki u prodotti ottiċi) fil-Finlandja. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobilizzat sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 2 641 800 għall-applikazzjoni ppreżentata mill-Finlandja.

¹⁸ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

¹⁹ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

²⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

- (5) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien biex jiġi mmobilizzat il-FEG, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2017, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 641 800 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Hija għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

* *Id-data għad trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*